



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

28 ta' Mejju 2020*

“Appell – Artikolu 73(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali – Digriet tal-Qorti Ġenerali li jasal għall-konklużjoni tal-inammissibbiltà manifesta ta' rikors minħabba l-assenza ta' firma miktuba bl-idejn – Rikors f'verżjoni stampata li tinkludi l-istampar ta' firma elettronika awtentikata”

Fil-Kawża C-309/19 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, imressaq fil-15 ta' April 2019,

Asociación de fabricantes de morcilla de Burgos, stabbilita f'Villarcayo (Spanja), irrappreżentata minn J. Azcárate Olano u E. Almarza Nantes, abogados,

appellanti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn F. Castillo de la Torre u I. Naglis, bħala aġenti,

konvenuta fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla),

komposta minn L. S. Rossi, President tal-Awla, J. Malenovský (Relatur) u F. Biltgen, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: G. Hogan,

Reġistratur: M. Ferreira, amministratur prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

- 1 Permezz tal-appell tagħha, l-Asociación de fabricantes de morcilla de Burgos (l-Assoċjazzjoni tal-Produtturi tal-Mazzit ta' Burgos, Spanja) titlob l-annullament tad-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-14 ta' Frar 2019, Asociación de fabricantes de morcilla de Burgos vs

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

Il-Kummissjoni (T-709/18, mhux ippubblikat, iktar 'il quddiem id- “digriet appellat”, EU:T:2019:107), permezz tiegħu l-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala manifestament inammissibbli r-rikors tagħha intiż għall-annullament tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1214 tad-29 ta' Awwissu 2018 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti “Morcilla de Burgos” (IĠP) (ĠU 2018, L 224, p. 3, iktar 'il quddiem ir-“regolament kontenżjuż”).

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u d-digriet appellat

- 2 Permezz ta' rikors li wasal permezz ta' faks fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-28 ta' Novembru 2018, l-appellanti ppreżentat rikors intiż għall-annullament tar-regolament kontenżjuż, flimkien ma' żewġ talbiet addizzjonali.
- 3 Peress li dan ir-regolament ġie ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fil-5 ta' Settembru 2018, it-terminu għall-preżentata ta' rikors kontrih skada fid-29 ta' Novembru 2018.
- 4 Fid-29 ta' Novembru 2018, verżjoni tar-rikors waslet fil-forma stampata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali, akkumpanjata b'diversi firem.
- 5 B'applikazzjoni tal-Artikolu 126 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li tiddeċiedi, mingħajr ma tkompli l-proċedura, permezz ta' digriet motivat u ċaħdet ir-rikors bħala manifestament inammissibbli.
- 6 Fil-punti 10 u 12 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali l-ewwel nett fakkret li, skont l-Artikolu 73(1) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha fil-verżjoni tagħhom applikabbli għat-tilwima f'din il-kawża, “[l]-oriġinal fuq karta ta' kull att proċedurali għandu jkun iffirmit bl-idejn mill-aġent jew mill-avukat tal-parti” u li n-nuqqas ta' osservanza ta' din ir-regola ma tistax tiġi regolarizzata, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Sussegwentement hija osservat, fil-punt 15 ta' dan id-digriet, li l-verżjoni stampata tar-rikors, li kien fiha l-parti prinċipali tar-rikors kif ukoll it-talbiet addizzjonali, kellha titqies bħala att proċedurali uniku. Fl-aħħar nett, hija ddeċidiet, fil-punti 16 u 17 tal-imsemmi digriet moqrija flimkien mal-punt 6 ta' dan tal-aħħar, li, peress li l-ebda waħda mill-firem magħmula fuq dan l-att proċedurali ma kienet miktuba bl-idejn fid-dawl tan-natura skannjata tagħhom, ir-rikors kien manifestament inammissibbli u ma kellux għalfejn jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni Ewropea.

It-talbiet tal-partijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

- 7 Permezz tal-appell tagħha, l-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:
 - tiddikjara l-appell bħala ammissibbli;
 - tannulla d-digriet appellat fl-intier tiegħu;
 - tiddikjara ammissibbli r-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali u tannulla r-regolament kontenżjuż, u
 - tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.
- 8 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiċhađ l-appell u tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

Fuq l-appell

- 9 Permezz tal-aggravju uniku tagħha, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset, fid-digriet appellat, li r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 73 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, kif interpretati mill-ġurisprudenza, kienu ġew miksura. Hija ssostni, essenzjalment, li dan l-iżball ta' liġi huwa bbażat fuq żnaturament tal-fatti mill-Qorti Ġenerali, peress li din qieset b'mod żbaljat li r-rikors kellu firem skannjati, filwaqt li dawn il-firem huma fir-realtà firem elettroniċi kkwalfikati, li għandhom jiġu assimilati ma' firem miktuba bl-idejn fis-sens tal-imsemmi artikolu.
- 10 Għandu jtfakkar li, kif jirriżulta mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(1) TFUE u mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-appell huwa limitat għal punti ta' liġi. Għaldaqstant, hija biss il-Qorti Ġenerali li hija kompetenti sabiex tikkonstata u tevalwa l-fatti rilevanti kif ukoll sabiex tevalwa l-provi. Għalhekk, l-evalwazzjoni ta' dawn il-fatti u ta' dawn il-provi ma hijiex, bla ħsara għall-każ tal-iżnaturament tagħhom, punt ta' liġi li, bħala tali, huwa suġġett għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell (sentenza tat-13 ta' Novembru 2019, *Outsource Professional Services vs EUIPO*, C-528/18 P, mhux ippubblikata, EU:C:2019:961, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 11 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li tali żnaturament għandu jirriżulta b'mod manifest mill-atti tal-proċess, mingħajr ma jkun neċessarju li ssir evalwazzjoni ġdida tal-fatti u tal-provi u li huwa l-appellant li għandu jindika b'mod preċiż il-provi li allegatament ġew żnaturati mill-Qorti Ġenerali kif ukoll li juri l-iżbalji ta' analiżi li, fl-evalwazzjoni tagħha, wassluha għal dan l-iżnaturament (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-13 ta' Novembru 2019, *Outsource Professional Services vs EUIPO*, C-528/18 P, mhux ippubblikata, EU:C:2019:961, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 12 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li l-aħħar paġna tal-oriġinal tar-rikors promotur tinkludi, għal kull wieħed miż-żewġ avukati firmatarji, firma li tidher li hija miktuba bl-idejn akkumpanjata minn nota stampata "ffirmata numerikament fisem [isem ta' kull avukat]" kif ukoll kodiċi ta' identifikazzjoni marbut mal-isem ta' kull avukat firmatarju u d-data u s-siegħa li fihom intużaw il-firem elettroniċi kkwalfikati. Barra minn hekk, il-paġni 25 u 26 ta' dan l-istess oriġinal jinkludu wkoll firma li tidher li hija miktuba bl-idejn ta' kull wieħed mill-avukati tal-appellanti.
- 13 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-firem li jidhru li huma miktuba bl-idejn li jidhru fil-paġni 25 u 26 kif ukoll fl-aħħar paġna tar-rikors, minn eżami fiżiku tal-oriġinal tar-rikors jirriżulta li dawn huwa stampi skannjati ta' firem miktuba bl-idejn, fatt li ma huwiex ikkontestat mill-appellanti.
- 14 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-allegati firem elettroniċi kkwalfikati li jidhru fl-aħħar paġna tar-rikors, għandu jiġi kkonstatat, indipendentement mill-fatt li l-avukati tal-appellanti għandhom ċertifikati nazzjonali li jippermettulhom jużaw tali firem, li, peress li l-oriġinal tar-rikors huwa fil-forma stampata u mhux f'format elettroniku, id-data dwar dawn il-firem, minkejja li tinkludi l-kliem "iffirmat numerikament", ma tistax titqies li hija ta' natura elektronika, iżda għandha titqies bħala sempliċi noti stampati bħal kwalunkwe element ieħor tar-rikors li huwa stampat.
- 15 Fit-tielet lok, bil-kontra ta' dak li ssostni l-appellanti, l-oriġinal fil-forma stampata tar-rikors ma jinkludix firem elettroniċi kkwalfikati, iżda huwa biss, l-iktar, l-istampar fuq il-karta ta' dokument elettroniku li jinkludi l-firma elektronika kkwalfikata ta' kull avukat tal-appellanti.
- 16 Mit-tliet punti preċedenti ta' din is-sentenza jirriżulta li, sabiex tivverifika, abbażi tal-Artikolu 73(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, fil-verżjoni tagħhom applikabbli għal dan il-każ, jekk l-oriġinal tar-rikors kienx jinkludi firem miktuba bl-idejn, il-Qorti Ġenerali setgħet tieħu inkunsiderazzjoni biss il-firem li jidhru li huma miktuba bl-idejn li jidhru fil-paġni 25 u 26 kif ukoll fuq l-aħħar paġna tal-oriġinal stampat tar-rikors, li huma, kif jirriżulta mill-punt 13 ta' din is-sentenza,

firem skannjati. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi kkritikata li żnaturat il-fatti meta kkunsidrat, fil-punt 6 tad-digriet appellat, li r-rikors ma kienx jinkludi firem miktuba bl-idejn tar-rappreżentanti tal-appellanti, iżda biss firem skannjati.

- 17 Peress li l-oriġinal tar-rikors ma jistax jinkludi firem elettroniċi kkwalfikati, ma hemmx lok li jiġi eżaminat l-argument tal-appellanti bbażat fuq l-assimilazzjoni ta' tali firem ma' firem miktuba bl-idejn.
- 18 Peress li l-firem kollha preżenti fuq l-oriġinal fil-forma stampata tar-rikors għandhom għalhekk jiġu kklassifikati bħala firem skannjati u peress li l-appellanti ma tikkontestax ir-rilevanza tar-raġunament adottat mill-Qorti Ġenerali fil-punti 10 sa 16 tad-digriet appellat fir-rigward ta' tali firem, l-ilment tal-appellanti bbażat fuq żball ta' liġi li l-Qorti Ġenerali wettqet wara żnaturament tal-fatti għandu jiġi miċħud.
- 19 Barra minn hekk, fir-rigward, qabel kollox, tal-ilment tal-appellanti li l-avukati tagħha kkonformaw ruħhom, għall-finijiet tal-preżentata tar-rikors, mal-istruzzjonijiet li ġew ipprovduti lillhom permezz tat-telefon mir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-appellanti ma ssostnix li r-Reġistru kien ta struzzjonijiet lill-avukati tagħha sabiex jibagħtu, fi tliet kopji, oriġinal stampat li jinkludi biss firem skannjati kif ukoll l-istampar ta' firem elettroniċi kkwalfikati u li, billi għamel dan, huwa żgwidahom.
- 20 Sussegwentement, fir-rigward tal-ilment li r-rekwiżit ta' firma miktuba bl-idejn, wara d-dħul fis-seħħ ta' verżjoni ġdida tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, tħassar mill-1 ta' Diċembru 2018, jiġifieri jumejn biss wara l-iskadenza tat-terminu għall-preżentata tar-rikors, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-appellanti ma tikkontestax li l-verżjoni applikabbli tal-imsemmija regoli kienet effettivament dik preċedenti għall-verżjoni tal-1 ta' Diċembru 2018.
- 21 Fl-aħħar nett, sa fejn l-appellanti tinvoka l-prinċipju ta' retroattività tal-liġi kriminali l-iktar favorevoli, għandu jiġi rrilevat li, minbarra l-fatt li din il-kawża ma taqax fil-kuntest kriminali, l-inammissibbiltà tar-rikors iddikjarata mill-Qorti Ġenerali fid-digriet appellat ma tikkostitwixxix "sanzjoni" adottata fir-rigward tal-appellanti, iżda hija s-sempliċi konsegwenza tan-nuqqas ta' osservanza, mill-appellanti ta' regola proċedurali stabbilita fir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.
- 22 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal hawn fuq, hemm lok li jiġu miċħuda l-aggravju uniku invokat mill-appellanti kif ukoll, konsegwentement, l-appell.

Fuq l-ispejjeż

- 23 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell ma jkunx fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. L-Artikolu 138(1) tal-istess regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 184(1) ta' dawn, jipprevedi li l-parti li ttitlef għandha tbiati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ġew mitluba.
- 24 Peress li l-Kummissjoni talbet il-kundanna tal-appellanti għall-ispejjeż u din tal-aħħar tilfet, hemm lok li l-appellanti tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-appell huwa miċħud.

2) L-Asociación de fabricantes de morcilla de Burgos hija kkundannata għall-ispejjeż.

Firem